MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 766/2011

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Victoria Margaret Aquilina**

**vs**

**Carmel Chetcuti**

Permezz ta’ kawza prezentata fit-8 ta’ Awissu 2011 l-attur nomine qieghed jitlob li:-

1. Jigi dikjarat li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ sitta u tletin elf mija u hames ewro (€36,105) bhala capital u tmienja u ghoxrin elf mija u erbgha u hamsin ewro (€28,154) imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena sal-5 ta’ Lulju 2011.

2. Tikkundanna ihallas is-somma fuq imsemmija flimkien ma’ imghax ulterjuri mis-6 ta’ Lulju 2011.

Ammont li l-attur nomine qieghed jitlob bhala hlas lura ta’ self li nghata matul is-snin lill-konvenut.

Ghalkemm il-konvenut ircieva r-rikors guramentat u avviz ta’ smiegh u sahansitra deher fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2011, baqa’ kontumaci.

Fis-seduta tal-lum xehed in-nutar Dr Francis Micallef li xehed dwar l-iskritturi Dok. B – Dok. G (fol. 11). Fl-iskrittura tal-5 ta’ Lulju 2002 jinghad li Chetcuti ghandu jhallas:-

(a) kapital ta’ €36,105.
(b) imghax ta’ €8,665.27 li minnhom thallsu €5,823.43, ghalhekk bilanc kien fadal bilanc ta’ €2,841.84. L-attrici ddikjarat ukoll li l-ahhar pagament li kien sar kien ta’ €698.81 hlas akkont tal-imghax u li sar fis-7 ta’ Settembru 2002.

Mill-atti jidher li l-pretensjoni tal-attrici ghandha mis-sewwa.

**Ghalhekk il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u b’hekk:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ sitta u tletin elf mija u hames ewro (€36,105) bhala kapital u tmienja u ghoxrin elf mija u erbgha u hamsin ewro (€28,154) imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena sal-5 ta’ Lulju 2011.**
2. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma fuq imsemmija flimkien ma’ imghax ulterjuri mis-6 ta’ Lulju 2011 sal-hlas**.

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------